MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Numru 324/2003

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Ronald Bonsfield, 54 sena, bin Carmelo u Maria nee Said, imwieled Valletta fit-3 ta’ Gunju 1949 u joqghod 137, St. Paul’s Street, Valletta. I.D. No. 482949 (M), kif riportati a fol 1 sa 3 tal-process bil-mod segwenti:

“Talli f’dawn il-gzejjer matul ix-xhur qabel is-6 ta’ Awissu, 2003 b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda u cioe:

1. fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ April, 2003 ghal-habta ta’ l-4.00am gewwa Manoel Island fil-Gzira ikommetta serq ta’ ta’ diversi oggetti fosthom rota, (bicycle) liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jaqbez il-

mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, sar ghad-detriment ta' Magdalena Kolipinsika;
2. Nhar it-12 ta' Lulju, 2003 ghal habta tat-3.00pm gewwa The Strand, fil-Gzira ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom rota (bicycle), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Malta, ghad-detriment ta' Kurt Walker;
3. Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Awissu, 2003 gewwa Manoel Island, fil-Gzira ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn fuq yacht bl-isem Caliban III fosthom serq ta' Electric Scooter, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaqbez il-mittt lira izda mhux l-eld lira Maltin, ghad-detriment ta' Robert Camille Jean;
4. F'xi lejl bejn l-1 u s-6 t'Awissu 2003 gewwa l-Yacht Marina, f'ta' Xbiex ikkomeetta serq ta' diversi oggetti fosthom zewg 'inflatables', liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-eld lira Maltin, sar ghad-detriment tas-sidien tal-Yachts bl-ismijiet 'L'Orsalis' u 'Cynthia Dawn' rispettivament;
5. F'xi lejl matul ix-xahar ta' Gunju 2003 gewwa l-Yacht Marina, fil-Gzira ikkomeetta serq ta' rota, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, sar gha-ddetriment ta' niex mhux maghrufa;
6. F'xi lejl matul ix-xahar ta' Gunju 2003 minn fuq Yacht bl-isem 'GIORGIA' gewwa l-Yacht Marina, Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' rota (mountain bike), liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin sar ghad-detriment tas-sidien tal-istess Yacht;
7. F'xi lejl matul ix-xahar ta' Gunju 2003 minn fuq Yacht bl-isem 'Stella Fiera Road Harbour' gewwa l-Yacht Marine, Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' rota (mountain bike), liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin sar ghad-detriment ta' Crowford Hugh;
8. F'xi lejl matul ix-xahar ta' Mejju minn gewwa l-Gzira, ikkommetta serq ta' rota (mountain bike) ta' lewn kannella, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' persuni mhux mgharufa;
9. Matul iljieli differenti tax-xahar ta' Mejju 2003 minn gewwa Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' tlett roti (mountain bikes) li kienu wahda ta' lewn isfar, wahda blue u ohra

kannella, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa;
10. F’xi lejl matul ix-xahar ta’ Mejju 2003 minn gewwa Ta’ Xbiex ukoll ikkometta serq ta’ rota (mountain bike) ta’ lewn ahmar, liema serq huwa ikkalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta’ perusni mhux mgharufa;
11. F’xi lejl maturl ix-xhur ta’ Mejju u Gunju 2003 minn gewwa Ta’ Xbiex, ikkommetta serq ta’ rota ta’ tip mhux mgharuf, b’diversi lwien, liema serq huwa ikkwalifikat ibl-mezz u bil-hin ghad-detriment ta’ persuni mhux mgharufa;
12. F’xi lejl matul ix-xahar ta’ Lulju 2003 minn gewwa Manoel Island, fil-Gzira, ikkommeta serq ta’ rota (Racer) ta’ lewn iswed, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ perusni mhux mgharufa;
13. F’xi lejl matul ix-xhur ta’ April u Mejju 2003 minn gewwa Manoel Island, fil-Gzira, ikkommetta serq ta’ rota (mountain bike), liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ perusni mhux mgharufa;
14. F’xi lejl matul ix-xahar ta’ Gunju 2003 minn gewwa Ta’ Xbiex, ikkommetta serq ta’ rota ta’ tip mhux maghruf ta’ lewn ahmar, liema serq huwa ikkalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ persuni mhux mgharufa;
15. F’xi lejl matul ix-xahar ta’ Awissu 2003 minn gewwa Manoel Island, fil-Gzira, ikkommetta serq ta’ rta ta’ tip mhux mgharuf ta’ lewn abjad, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ perusni mhux maghrufa;
16. F’dawn il-gzejjer, fis-6 ta’ Awissu 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-13 ta’ Awissu, 2003, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-25 ta’ Settembru, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Wara li ikkonsdrat l-ammissjoni tal-imputat flimkien mas-sottomisjonijiet tad-difiza, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief ghall-ahhar akkuza li hija sussidjara ghall-akkuzi l-ohra u minnha tilliberah;

Wara li rat l-artikoli 261 (b), (c), (e) (f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280 u 282 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u rat ic-certifkat tal-psikjatra Dr. Joseph Saliba u tenut kont li l-imputat ikkolobora mal-Pulizija tant li ammetta maghhom serqiet li anqas kienu rappurtati, tqis illi piena pekunjara jew dik karcerarja ma tkunx idoneja biex tindirizza l-problema tal-imputat. Ghalhekk tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iheor sa zmien tlett snin mill-lum kif ukoll bil-kondizzjoni specifika illi jkun that il-kura psikjatrika ta’ Dr. Joseph Saliba, jew specjalista iehor, b’dan li l-imputat ikun irid jinforma lill-Qorti b’tali tidbil u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-kap 446. Il-Prosekuzzjoni hija mitluba tinforma lill-Qorti fil-kaz li l-imputat ma jibqax jircievi tali kura.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**Marie Fleur Gauci**
**Deputat Registratur**

**vera kopja**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------